**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 25 ta' Jannar, 2002

**Numru 16**

**Avviz numru 1603/01JR**

**Mobisle Communications Limited**

**vs**

**Alasram Holdings Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Novembru, 2001, fejn intalab il-hlas ta' tlett mija tmienja u tmenin lira Maltija u tmenin centezmu (Lm388.80), rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess socjeta` konvenuta Alasram Holdings Limited lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract Number 433R u Client Contract Number 2589 in**

**rigward ghal servizzi lilha rezi mis-socjeta` attrici u dana fix-xhur sa Lulju, 2001;**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-20 t'Awissu, 2001, u tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma' dana l-att, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Nicolai Muscat Farrugia ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub fl-avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett mija tmienja u tmenin lira Maltija u tmenin centezmu (Lm388.80), bl-imghaxijiet legali mill-20 t'Awissu, 2001.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-20 t'Awissu, 2001, u tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment ma' dana l-avviz, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**